MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1697/1997/1

**Farr Limited.**

**vs**

**Carmelo u Julie konjugi Bonnici**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 23 ta' Lulju 1997 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici hi sid ta' hames porzjonijiet ta' art formanti parti mill-art "tas-Swieqi" f'Saint Andrews limiti ta' San Giljan, markati *plots* 24, 25,m 26, 27 u 28 fil-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument "A".

Illi s-socjeta` attrici ghandha access ghal fuq din l-art taghha permezz ta’ triq privata accessibbli minn fuq triq il-Gejza ga maghrufa bhala *Mayfair Anenue* u dan kif jidher mill-istess pjanta hawn annessa.

Illi fis-sbatax ta’ Gunju l-konvenuti bnew zewg hitan tul parti sostanzjali tal-wisa’ ta’ l-imsemmija triq privata, liema hitan jidhru carament b’ritratt hawn anness u mmarkat Dokument “B”, liema hitan huwa bena minghajr il-kunsens u kontra r-rieda tas-socjeta` attrici.

Illi bil-kostruzzjoni ta’ dawn il-hitan il-konvenuti ostakolaw id-dritt ta’ passagg li kien fil-pussess tas-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk il-konvenuti kkommettew spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu tas-socjeta` attrici.

Illi l-konvenuti qed jirrifjutaw li jirripristinaw l-access.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom hatja ta’ spoll klandestin u vjolenti a dannu tas-socjeta` attrici billi fis-sbatax ta’ Gunju spoljawhom mill-uzu ta’ parti ta’ triq privata minn fuq liema triq is-socjeta` attrici kellha access ghall-propjeta` taghha.

2. Tordna l-konvenuti jaghmlu dawk ix-xoghlijiet necessarji sabiex is-socjeta` attrici tigi riintegrata fil-passagg in kwistjoni.

3. In difett tawtorizza s-socjeta` attrici taghmel dawk ix-xoghlijiet necessarji a spejjes tal-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol. 10ª tal-process liema dokumenti huma mmarkati bhala Dok “A” u Dok “B” rispettivament.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tal-31 ta’ Ottubru 1997.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 26 ta’ Jannar 1998 a fol. 16 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi l-azzjoni attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt peress li kienet is-socjeta` attrici li kkommettiet l-ispoll fil-konfront ta’ l-eccipjenti kif jidher mill-provi prodotti fil-kawza fl-ismijiet **“Carmelo u Julie mizzewgin Bonnici vs Benny u Saviour ahwa Farrugia *pro et nomine*”** pendenti quddiem din il-Qorti u kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol. 17 sa 21 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo mill-31 ta’ Otturbu 1997 sas-6 ta’ Novembru 1998 (fol.37) fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet debitament assistiti. B’referenza ghar-rikors tas-socjeta` attrici tal-4 ta’ Marzu 1998, il-Qorti laqghet it-talba biex jigi ntrodott bhala xhud il-Perit Anthony Fenech Vella u dan ghar-ragunijiet moghtija minnha f’digriet ricenti, f’kazijiet simili u *in vista* ta’ l-emenda li saret ghall-**artikolu 158 tal-Kap 12 mill-att XXIV ta’ l-1995.** Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Marzu 1999 ghall-provi tal-konjugi Bonnici; u tas-16 ta’ Marzu 1999 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Dr. Reuben Farrugia assocja ruhu fil-patrocinju tas-socjeta` Farr Ltd. Profs. Ian Refalo, ghan-nom ta’ l-eredi tal-mejjet Saviour Farrugia, li f’isimhom gew trasfuzi l-atti,

ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh u ghan-nom taghhom aderixxa n-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fit-8 ta' Mejju 1998. Dr. Vincent Falzon ta ruhu b'notifikat b'dawn l-eccezzjonijiet. Profs Ian Refalo, ghalhekk irtira t-tieni eccezzjoni tieghu. Fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni Dr. Vincent Falzon talab korrezzjoni fis-sens illi jigu kkancellati l-kliem "propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-" u jidhlu minflok il-kliem "u is-". Talba mhix opposta. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni mitluba. Profs. Ian Refalo ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni kif korretta. *In vista* ta' dan, il-Qorti astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni. Gie miftiehem illi l-provi fil-kawza 1677/97 ghandhom jghoddu wkoll ghall-kawza numru 1697/97. Xehed Carmelo Bonnici bil-gurament. Il-kawza giet differita ghall-10 ta' Gunju 1999 ghall-kontinwazzjoni; tal-10 ta' Gunju 1999 fejn xehed il-Perit Brian Ebejer li gie ezaminat mill-avukat Dr. Vincent Falzon u kontro-ezaminat mill-Profs Ian Refalo. Giet ukoll prezentata kopja ta' pjanta (Dok "CF1") waqt ix-xhieda tal-Perit Ebejer; tal-14 ta' Dicembru 1999; tal-14 ta' Frar 2000; tat-3 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata 29 ta' Settembru 2000 li permezz taghha pprezentat erba' affidavits:- Dok "AFV" tal-Perit Anthony Fenech Vella, - Dok "JP" ta' John Pisani, - Dok "PB" ta' Paul Bajada, - u Dok "BJF" l-affidavit ta' Bernard Farrugia u dan kollox kif hemm esebit minn fol. 79 sa fol. 113 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut datata 19 ta' Ottubru 2000 (fol.116) li biha ddikjara illi jrid jaghmel il-kontro-ezami tal-Perit Anthony Fenech Vella.

Rat in-nota tas-socjeta` Farr Limited datata 7 ta' Mejju 2001 a fol. 121 tal-process li biha esebiet traskrizzjoni ta' l-affidavit tal-Perit Anthony Fenech Vella mmarkata bhala Dok. "AFV1".

Rat in-nota tal-konvenuti Carmelo Bonnici *et* datata 25 ta' Mejju 2001 a fol. 123 tal-process li biha rriservaw id-dritt ghall-kontro-ezami tal-Perit Anthony Fenech Vella.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tad-9 ta’ Novembru 2000; tad-19 ta’ April 2001; u tat-12 ta’ Lulju 2001 (fol. 128) fejn xehed Bernard Farrugia. B’riferenza ghar-rikors tat-18 ta’ Gunju 2001, Profs. Ian Refalo rrimetta ruhu u l-Qorti ghalhekk fl-interess tal-gustizzja laqghet it-talba, b’dan illi x-xhieda tal-persuni msemmija ghandha tkun ristretta biex propju tikkotrobatti l-affidavits pprezentata mis-socjeta` Farr Ltd. Il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Dicembru 2001.

Rat in-nota tas-socjeta` Farr Limited datata 21 ta’ Dicembru 2001 (fol.133) li biha esebiet affidavit ulterjuri ta’ Bernard Farrugia li huwa mmarkat Dok “BJF2”.

Rat l-avvizi tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo u dawk tal-Qorti kif diversment presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna, u l-verbali tas-seduti mizmuma fit-22 ta’ Mejju 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Vincent Falzon. Dehru l-partijiet. Dr. Vincent Falzon ghall-konvenut talab in-nomina ta’ Perit Tekniku biex ihejji pjanta tal-propjeta` in kwistjoni, jiehu konjizzjoni tal-pjanti esebiti mill-partijiet, kif ukoll ta’ *survey* illi l-konvenut *nomine seduta stante* ddikajara li sar fl-ahhar hames snin, u jaghmel il-kostatazzjonijiet tieghu f’dan ir-rigward. Xehed John Pisani. Dr. Debora Farrugia ghas-socjeta` konvenuta opponiet ghal din it-talba peress illi din il-kawza ghandha tinstema’ b’urgenza billi citaz. Numru 1697/97 hija kawza ta’ spoll. Il-Qorti, kif diversament presjeduta, awtorizzat lil Dr. Vincent Falzon jipprezenta x-xhieda ndikati fir-rikors tat-18 ta’ Gunju 2001 permezz tal-procedura ta’ l-affidavit fi zmien xahrejn b’referenza ghan-nom ta’ Perit Tekniku nnominat a spejjez provvizorjament tal-konvenuti lil AIC J. Ellul Vincenti u li l-kawza tibqa’ ghat-8 ta’ Ottubru 2002 ghar-rapport u ghall-kontro-ezami tax-xhieda li taghhom se jigi pprezentat l-affidavit. Il-kawza giet differita ghat-8 ta’ Ottubru 2002; u tat-8 ta’ Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 5 ta’ Lulju 2002 (fol.141) li biha pprezenta erba’ affidavits li huma markati Dok. “B1” ta’ Arthur Buttigieg, Dok. “B2” ta’ Carmelo Grech, Dok.

“B3” ta Emmanuel Theuma u Dok. “B4” ta’ George Fenech.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-19 ta’ Frar 2003; ta’ l-4 ta’ April 2003; tat-2 ta’ Mejju 2003; tal-10 ta’ Gunju 2003; tat-28 ta’ Ottubru 2003; tat-28 ta’ Jannar 2004; u tas-17 ta’ Marzu 2004 fejn xehed il-Perit Joseph Ellul Vincenti. Il-Professur Ian Refalo rriserva li jaghmel domandi verbali lill-Perit Tekniku ghal aktar kjarifiki. Dr. Refalo esebixxa kopja tal-kuntratt tal-1 ta’ April 1986 li giet mehuda mill-arkivji tan-Nutar tal-Gvern. Dr. Falzon irriserva l-pozizzjoni tieghu dwar id-dokumenti prezentati *seduta stante*. Il-kawza giet differita ghall-eskussjoni tal-Perit Tekniku ghat-28 ta’ Mejju 2004; tat-28 ta’ Mejju 2004; tat-22 ta’ Ottubru 2004; u tal-1 ta’ Dicembru 2004 fejn Profs Refalo nforma l-Qorti li pprezenta lista tax-xhieda li fadlilhom il-konvenuti f’dan il-kaz u b’kopja tal-kuntratt datat l-1 ta’ April 1986. Dr. Falzon irriserva l-pozizzjoni tieghu dwar ix-xhieda u d-dokumenti. Il-konvenut talab li jigi nominat perit kaligrafu biex jezamina l-original tal-kuntratt, esebit *seduta stante,* u jirrelata anke bil-miktub. Il-kawza giet differita ghas-26 ta’ Jannar 2005 ghan-nomina *okkorrendo* tal-Perit Tekniku.

Rat in-nota tas-socjeta` Farr Limited datata 6 ta’ Dicembru 2004 (fol. 169) li biha esebixxa tliet dokumenti li huma mmarkati Dok. “PA1”, “Dok 2”, u Dok “PA3”.

Rat in-nota ta’ Carmelo Bonnici *et* datata 3 ta’ Jannar 2005 a fol. 173 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-26 ta’ Jannar 2005; u tat-23 ta’ Frar 2005 fejn il-partijiet qablu li jigi nominat espert kaligrafu Joseph Gaffiero. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Joseph Gaffiero, espert tekniku li kellu jirrelata b’referenza ghan-nota li kellha tigi prezentata mis-socjeta` attrici u a spejjes provvizorji tas-socjeta` attrici. Dr. Falzon irriserva li jressaq provi *viva voce* dwar l-allegazzjoni attrici referibbilment ghall-kuntratt. Il-kawza giet differita ghas-26

ta’ April 2005 ghar-rapport u provi tas-socjeta` attrici; u tas-26 ta’ April 2005; tas-17 ta’ Gunju 2005; u tal-11 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota ta’ Benny Farrugia *pro et nomine* datata 11 ta’ Ottubru 2005, li biha, *a tenur* tad-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri, indika l-ismijiet tax-xhieda li jixtieq jipproduci.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti hekk presjeduta tal-20 ta’ Jannar 2006 u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum presjeduta tat-2 ta’ Marzu 2006; u tas-7 ta’ Marzu 2006.

Rat ir-rapport tal-Perit Kaligrafu Mr. Joseph Gaffiero pprezentata fir-Registru fit-8 ta’ Novembru 2005 u mahluf fis-7 ta’ Marzu 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Vincent Falzon u l-attur, u Profs Ian Refalo u l-konvenut. Dr. Falzon talab li jharrek lin-Nutar Joseph Spiteri jew lil ibnu biex jesebixxi l-kuntratt originali ta’ l-1 ta’ April 1996 u wkoll biex jeskuti l-Perit Tekniku Joseph Gaffiero. Profs Refalo rrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghat-22 ta’ Gunju 2006 ghal dan l-iskop; tat-22 ta’ Gunju 2006; tas-26 ta’ Ottubru 2006; u tal-10 ta’ Jannar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Marzu 2007.

Rat l-atti relattivi tal-kawza fl-ismijiet “Carmelo Bonnici et vs Benny Farrugia proprju et” – Citaz. Numru 1677/97/RCP u digrieti relattivi ta’ din il-Qorti li qed jigu kkonfermati anke permezz ta’ din is-sentenza fejn il-provi f’dik il-kawza ghandhom jghoddu bhala provi f'din il-kawza u *vici versa* li l-provi fl-istess kawza fuq indikata ghandhom joghddu bhala provi f’din il-kawza.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet ipprezentati fl-atti tal-kawza fuq indikata Citaz. Numru 1677/97/RCP.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-azzjoni ttentata mill-attur hija dik ta' spoll ricenti u privilegjat *ai termini* ta' l-**Artikolu 534 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** u ghall-istess japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** u ghalhekk l-elementi esenzjali tal-ispoll huma:-

i) *possedesse.*
ii) *spoliatium fuisse.*
iii) *infre bimestre deduxisse.*

Illi dwar l-istess inghataw diversi sentenzi mill-Qrati nostarli, inkluza dawk ta' din il-Qorti stess fosthom **"Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar"** (Cit Nru 2328/98/RCP deciza fit-30 ta' Novembru 1999); "**C. Fino & Sons Limited vs Marketing & Consultancy Limited"** (Cit Nru 1596/98/RCP deciza fl-1 ta' Lulju 1999); **"Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri et nomine"** (Cit Nru 1704/98/RCP deciza fid-29 ta' April 1999).

Illi dawn il-principji gew ilkoll ikkonfermati b'sentenza tallum stess ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo sive Charles Ciantar et vs Joseph Scicluna**" (Cit Nru 2581/97/RCP deciza 6 ta' Gunju, 2000), u wkoll ghas-sentenza deciza llum fl-ismijiet **"Carmelo Bonnici et vs Benny Farrugia proprio et"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Marzu 2007) u ghalhekk a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti tirreferi ghall-principji ndikati u annunciati fl-istess sentenzi, fejn hemm referenza kopjuza ghall-

gurisprudenza nostrali fuq il-principji bazici li jirregolaw l-istituzzjoni ta’ l-ispoll.

Illi fic-citazzjoni attrici s-socjeta` attrici qed tallega li hi sid ta’ hames porzjonijiet ta’ art formanti parti mill-art “tas-Swieqi” f’Saint Andrews limiti ta’ San Giljan, markati *plots* 24, 25,m 26, 27 u 28 fil-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument “A” u li ghandha access ghal fuq din l-art taghha permezz ta’ triq privata accessibbli minn fuq triq il-Gejza ga maghrufa bhala *Mayfair Avnenue* u dan kif jidher mill-istess pjanta hawn annessa u li l-konvenuti fis-sbatax ta’ Gunju 1997 bnew zewg hitan tul parti sostanzjali tal-wisa’ ta’ l-imsemmija triq privata, liema hitan jidhru carament b’ritratt anness u mmarkat Dokument “B”, liema hitan saru minghajr il-kunsens u kontra r-rieda tas-socjeta` attrici u b’hekk b’tali kostruzzjoni ta’ dawn il-hitan il-konvenuti ostakolaw id-dritt ta’ passagg li kien fil-pussess tas-socjeta` attrici u ghalhekk ikkommettew spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu tas-socjeta` attrici u peress li l-konvenuti rrifjutaw li jirripristinaw l-access u ghalhekk talbu li li jigi ddikjarat li l-konvenuti jew min minnhom huma hatja ta’ spoll klandestin u vjolenti a dannu tas-socjeta` attrici billi fis-sbatax ta’ Gunju spoljawhom mill-uzu ta’ parti ta’ triq privata minn fuq liema triq is-socjeta` attrici kellha access ghall-propjeta` taghha u konsegwentement tordna l-konvenuti jaghmlu dawk ix-xoghlijiet necessarji sabiex is-socjeta` attrici tigi riintegrata fil-passagg in kwistjoni u in difett tawtorizza s-socjeta` attrici taghmel dawk ix-xoghlijiet necessarji a spejjes tal-konvenuti.

Illi din il-Qorti fil-waqt li tikkonferma dak li nghad fid-decizjoni fl-ismijiet “Carmelo Bonnici et vs Bernard Farrugia proprju et” deciza llum (Citaz. Numru 1677/97/RCP), u bhala fatti tikkonferma mill-istess, ghal dak li minn naha l-ohra huwa mertu ta’ din l-azzjon jidher li s-socjeta’ attrici ppruvat li fid-data in kwistjoni l-atturi ghamlu z-zewg hitan indikati fir-ritratt esebit bhala Dok. “A” mac-citazzjoni attrici u anke mir-ritratti li jinsabu esebiti fir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti fl-atti tac-citazzjoni Numru 1677/97 u hawn qed issir riferenza

ghar-ritratt mehud mill-istess perit tekniku mmarkati bhala Dok. “JEV/03” u mill-pjanti hemm annessi.

Illi dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta’ Bernard Farrugia fl-affidavit tieghu f’din il-kawza, dejjem relattivament u limitatament ghaz-zewg hitani mertu ta’ din il-kawza odjerna, u dan ikkorroborat mix-xhieda ta’ John Pisani fl-affidavit tieghu tad-19 ta’ Mejju 1998 u r-ritratt mieghu esebit a fol. 82 tal-process u din il-Qorti thoss li f’dan il-kuntest il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova kwalunkwe sabiex jikkontrastaw l-istess; anzi jirrizulta lill-Qorti li huma rragixxew ghall-ispoll kommess *inter alia* mis-socjeta’ attrici, mertu tal-kawza l-ohra, permezz ta’ atti ta’ spoll mertu tal-kawza odjerna. Fil-verita’ lanqas fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom il-konvenuti ma semmew xejn, qisu dan l-att allegat mis-socjeta’ attrici qatt ma sehh – u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-konvenuti lanqas biss ghamlu difisa ta’ dik li hija din l-azzjoni attrici. Jidher biss li l-konvenuti ireaggixxew ghal spoll kontra taghhom b’kommissjoni ta’ spoll minnhom.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici kif imposti ghandhom u qed jigu milqugha ghaliex gew ippruvati fil-limiti ta’ l-azzjoni attrici *stante* li l-istess socjeta’ ppruvat kemm l-element ta’ pussess, u kif ukoll ta’ spoll u li l-kawza saret fit-termini legali.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara l-konvenuti hatja ta’ spoll klandestin u vjolenti a dannu tas-socjeta` attrici billi fis-sbatax ta’ Gunju 1997 spoljawhom mill-uzu ta’ parti ta’ triq privata minn fuq liema triq is-socjeta` attrici kellha access ghall-propjeta` taghha u dawn bnew zewg hitan tul parti sostanzjali tal-wisa tat-triq privata skond kif indikat fir-ritratt Dok. “B” anness mac-citazzjoni attrici.

2. Tordna l-konvenuti jaghmlu dawk ix-xoghlijiet necessarji sabiex is-socjeta` attrici tigi riintegrata fil-passagg in kwistjoni u dan billi jitnehhew l-istess zewg hitan ndikati fic-citazzjoni attrici u f'din is-sentenza u dan f'terminu qasir u perentorju ta' mija u ghoxrin (120) gurnata mid-data ta' din is-sentenza taht is-sorveljanza u direzzjoni tal-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti li qed jigi nominat ghal dan l-iskop a spejjez tal-konvenuti.

3. Fin-nuqqas li tali xoghol hawn ordnat ma jsirx mill-konvenuti fit-terminu qasir u perentorju hawn indikat a bazi tat-tieni talba attrici tawtorizza lis-socjeta` attrici taghmel dawk ix-xoghlijiet necessarji fuq indikati rigwardanti t-tnehhija ta' l-istess zewg hitan mertu tal-kawza odjerna a spejjes tal-konvenuti u taht is-sorveljanza u direzzjoni tal-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti li qed jigi nominat ghal dan l-iskop a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------